MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 332/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Darmanin**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 231272(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
1. fit-18 ta' Mejju, 2011 ghall-habta ta' 19.45 hrs waqt li kien fl-inhawi ta' l-Imqabba, waqt stagun maghluq ghall-kacca ta' l-ghasafar, ikkaccja jew ipprova jikkacja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, mhux skond dawn ir-Regolamenti u mhux skond il-Kondizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija tahthom u dan bi ksur ta' regolament 4(1) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S 504.71;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaccja xi ghasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A ta' l-Iskeda II ta' l-A.L. ta' l-2006 u dan bi ksur ta' Regolament 5 (3)(a) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz li jkun xi ghasfur u ghaldaqstant naqas milli jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra u dan bi ksur ta' Regolament 12(1) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat, L.S 504.71;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur minghajr ma kellu licenzja adatta ghal dik l-attivita` mahruga lilu taht ir-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi jew taht xi ligi ohra u dan bi ksur ta' regolament 16(a) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat L.S. 504.71;
5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur, jew garr munizzjoni jew arma tan-nar barra l-ghata taghha u dan bi ksur ta' Regolament 18(1)(a) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat, L.S 504.71;
6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm xi ghasfur kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx gie ddikjarat u registrat ma' l-Awtorita` Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma nghata l-permessi jew certifikati mill-Awtorita` Kompetenti sabiex izzomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat, L.S 504.71;
7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm xi ghasfur kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III ta' Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista` jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwaar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-Ligijiet ta' dak l-istat Membru l-iehor u dan l-ghasfur ma kienx migjub f'Malta war l-1 ta' Mejju, 2004 u dan bi

ksur ta’ Regolament 4(1)(f) ta’ l-A.L. 79 ta’ l-2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71;

8. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm jew garr arma tan-nar li kienet ikkargata jew bl-iskratacc fil-kompartiment ta’ l-iskratacc ta’ l-arma jew barra l-ghata taghha, meta kien f’post fejn mhux permess l-isparar fuq il-kacca u dan bi ksur ta’ Regolament 17 ta’ l-A.L. 79 ta’ l-2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71;

9. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna licenzjata sabiex izomm arma tan-nar, naqas milli jzomm fil-pussess u kustodja tieghu l-istess arma u munizzjon b’tali mod li ma jigux facilment f’idejn terzi persuni u dan bi ksur ta’ l-art. 47(1) tal-Kap. 480;

10. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bhala pussessur ta’ licenzja taht l-artikolu 27(1) tal-Kap. 480, naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f’dik il-licenzja;

11. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi biegh, espona ghall-bejgh, garr, kellu fil-pussess tieghu, spara, uza, importa jew immanifattura xi skratacc ikkargati b’xi comb ta’ daqs iktar minn 3.3 mm f’dijametru u dan bi ksur tar-Reg. 22 ta’ l-A.L. 79 ta’ l-2006 hekk kif emendat, L.S., 504.71;

12. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu arma tan-nar li kellha kompartiment ta’ l-iskratacc li jista` jzomm aktar minn zewgt iskratacc fl-istess hin u dan bi ksur tar-Reg. 18(2)(b) ta’ l-A.L. 79 ta’ l-2006, hekk kif emendat, L.S 504.71;

13. sar recediov b’diversi sentenzi moghtija lilu quddiem il-Qorti tal-Magistrati Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Lulju, 2011, li biha, wara li rat ir-Regolamenti 4(1), 5(3)(a), 12(1), 16(a), 18(1)(a), 4(1)(e), 4(10)(f), 17, 22 u 18(2)(b) ta’ l-A.L. 79 ta’ 2006 hekk kif emendat LS 504.71, l-artikoli 47(1) u 27(1) Kapitolu 480 u l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ma sabitx lill-appellant hati tas-sitt, is-seba`, u d-disa` akkuzi u ghaldaqstant illiberatu, sabitu hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba`, l-hames, it-tmien, l-ghaxar, il-hdax, it-tnax u t-tlettax akkuzi u ghaldaqstant

ikkundannatu terminu ta' sentejn prigunerija. Ikkundannatu ukoll multa ta' disghat elef Ewro (€9,000).
Ordnat il-konfiska tal-oggetti esebiti u cioe` arma tan-nar tal-ghamla Benelli numru U84077 u tlett iskratacc.
Inoltre ordnat ir-revoka permanenti ta' kull licenzja jew permess tal-kacca u tal-garr u zamm ta' armi f'isem l-appellant.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Lulju, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mis-sitt, mis-seba` w id-disa` akkuzi u tirrevokaha fil-bqija f'dan li tilliberah minn kull htija u piena jew, alternattivament tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti :
1. li l-Qorti tal-Magistrati ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti fil-kawza. Naturalment l-assenza assoluta ta' motivazzjoni – nonostante s-severita` tal-piena komminata – ma tantx hi ta' ghajnuna ghar-ricerka tar-ragunijet li wasslu lill-istess Qorti ghall-konkluzzjonijiet taghha.
2. Illi ma rrizultax li l-ghasafar de quo kienu effettivament Ciconia ciconia. Ix-xhieda migjuba mill-prosekuzzjoni sabiex jikkonfermaw dan kienu biss xhieda ordinarji b'kull interess li jassiguraw sejbien ta' htija. Imkien mill-atti ma jirrizulta li la l-Qorti tal-Magistrati u lanqas xi Magistrat Inkwirenti ma hatru lil Gilbert Agius jew lil Stanley Gatt bhala esperti in materia.

Illi l-artikolu 650 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali, ghandha tigi ordnata perizja. Il-ligi ma tippermetti ebda deroga. F'dan il-kaz dan ma sarx u ghalhekk, fl-assenza ta' tali perizja, l-Qorti ma setghet qatt tikkonkludi li l-ghasafar

kien ta’ speci tac-Ciconia ciconia u ssib htija fl-appellant f’dan is-sens.

3. Il-Qorti tal-Magistrati erogat piena, presumibilment anke bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali, li kienet tinkwadra fil-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tar-regolament 27 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (LS 504.71) kif ukoll fil-paragrafu (b) tas-subregolament (3) tar-regolament 27 ta’ l-istess Regolamenti.

Illi sabiex tigi applikata l-piena msemmija f’dawn iz-zewg paragrafi, l-prosekuzzjoni necessarjament trid taghmel il-prova relattiva skond il-ligi. F’dan il-kaz jidher li l-Qorti strahet fuq il-fedina penali prodotta mill-prosekuzzjoni. Jinghad bl-akbar rispett li dan hu legalment zbaljat. Fis- sentenza taghha fl-ismijiet Il-Pulizija vs Josef Abela [17.09.2008], il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (per Onor. Imh. Joseph Galea Debono) rriteniet li s-soluzzjoni ta’ vertenza simili kienet tinstab fid-distinzjoni li jaghmel il-Manzini fejn jghid li biex tinstab htija ta’ recidiva biex isservi ta’ aggravanti tar-reat din tkun riedet giet kontestata lill-akkuzat espressament jew fl-istess akkuza jew f’xi talba jew sottomissjoni tal-prosekuzzjoni. Pero` ma hemmx il-htiega li dan isir biex Qorti ta’ Gustizzja penali tiehu kont tar-recediva ta’ akkuzat biss ghall-fini ta’ l- erogazzjoni tal-piena meta tkun qed tikkonsidra xi diminuzjoni fakultattiva fil- piena, xi kundanna kondizzjonali ecc. Ghalhekk, f’dak il-kaz, l-appellant ma kienx qed jigi akkuzat bl-addebitu tar-recediva, l-prosekuzzjoni ma kellhiex ghalfejn taghmel l-aqwa prova taghha u cioe` billi tigi esebita kopja awtentika tas-sentenza precedenti.

Illi fil-kaz in dizamina, r-recediva sia bhala addebitu ut sic, kif ukoll bhala cirkostanza aggravanti kif imsemmi, gew effettivament kontestati mill- appellant u ghalhekk sabiex issir il-prova taghhom, il-prosekuzzjoni kellha taghmel l-aqwa prova billi jigu esebiti kopji awtentici tas-sentenza precedenti. Dan f’dan il-kaz, ma sarx (ara wkoll sentenzi kollha tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali – Il-Pulizija vs Joseph Zahra 24-02-2003,

Il-Pulizija vs Anthony Sammut 9-06-2004, il-Pulizija vs Paul Abela u omissis 10-09-2004.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

**L-ewwel Aggravju**

Id-difiża ssottomettiet li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi. Kull meta jingħata dan l-aggravju, il-Qrati tagħna dejjem imxew mal-prinċipju li ma jiddisturbawx l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti jekk dan ikun wieħed li hija setgħet tasal għalih legalment u raġjonevolment.

Minħabba dan l-aggravju, il-Qorti, wara li semgħet il-provi mill-ġdid hija stess, għarblet dak kollu li semgħet biex tara jekk l-Ewwel Qorti waslitx għal konklużjoni li għandha titqies bħala ‘safe and satisfactory.’

Mix-xhieda irriżulta dan li ġej.

PS 305 Alfred Gauci xehed li hu ma kienx preżenti waqt l-inċident. Huwa kein biss eleva l-affarijiet u ħareġ riċevuta.

PC 1023 Andrew Bugeja qal li fit-18 ta’ Mejju 2011 kienet daħlet qatgħa kbira ta’ storks għall-ħabta tas-7.30p.m. lejn in-naħa taż-Żurrieq u l-Imqabba. Instema’ tir u l-istorks taru fid-direzzjoni lejn fejn kien hu u sħabu. Waqgħu żewġ storks u fil-pront raw tleit kaċċaturi jiġru lejn in-naħa ta’ fejn waqgħu it-tajr. L-appellant ġera fuq it-tajr, qabad wieħed minnhom waqt li kien bis-senter f’idejh u beda jħares lejn il-kaċċaturi l-oħra. L-appellant ipprova jaħrab, waqa’, reġa’qam u kompla jiġri. Sadanittant it-tajra telaqha hemmhekk u l-appellant inqabad. Huwa kellu aram tan-nar Benellio bis-serial number UO84077. L-arma ma kellhiex il-ħadida – jiġifieri ħalla l-arma tiġi ikkargata b’aktar minn żewġ skrataċ. Infatti l-arma kienet ikkargata bi tlieta u l-iskrataċ kienu eħxen minn 3.3 mm. Kien hemm tajra oħra li ppruvaw jeħduha għand il-veterinarju iżda din mietet. Ix-xhud qal li hu u sħabu kienu preżenti qabel ma sar l-isparar.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li fid-dlam ma setax jara min spara. Huwa kkonferma li kien hemm kaċċaturi oħra fl-inħawi. L-appellant ma kellux ċintorin iżda kellu biss tlitt iskrataċ u l-arma kienet tieħu aktar minn tlitt iskrataċ. It-tleit kaċċaturi kienu flimkien iżda kien l-appellant li leħaq l-ewwel. L-appellant ma kellux għata tas-senter.

Fir-ri-eżami x-xhud qal li s-senter li kellu f'idejh l-appellant jieu ħames skrataċ.

It-tielet xhud kien PC 1231 Roderick Agius li ddeskriva kif f'daqqa waħda raw tlieta min-nies bis-snieter sejrin jiġru fejn kienu waqgħu l-istorks. Wieħed minnhom laħaq qabad stork minnhom. X'ħin ra lill-pulizija l-appellant telaq l-istok mal-art. L-appellant beda jgħid li mhux hu spara.

Fil-kontro-eżami, ix-xhud qal li kienet instemgħet aktar minn sparatura waħda. Huwa kompla jinsisti li huwa kien ra lill-appellant jaqbad it-tajra u li ma kinux inġabru skrataċ minn mal-art.

Ir-raba' xhud kien Gilbert Haber, rappreżentant tal-MEPA u Environment Protection Officer. L-Uffiċjal għandu lwrja fil-Bijoliġija u l-Kimika u wara kompla għal Masters. Huwa qal li meta mar fuq il-post huwa sab lill-appellanti flimkien mal-membri tal-pulizija. Huwa eżamina l-għasafar flimkien ma' kollega ieħor. L-għasafar kellhom ġrieħi li huam kompatibbli ma' projectile jew shot. L-għada ħadu r-ritratti tal-istorks ġewwa l-uffiċini tal-ALE. Il-white stork tidher protetta taħt l-ewwel skeda.

Fil-kontro-eżami huwa qal li ma kienx nominat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala espert. L-eżami kien wieħed viżwali. Ma sarx eżami ballisitku u lanqas sar eżami komparattiv.

**Dwar dan l-ewwel aggravju, il-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha wara li tkun iddisponiet mit-tieni u mit-tielet aggravju.**

**It-Tieni Aggravju – Il-ħatra ta' perit mill-Qorti**

Id-difiża ssottomettiet li ebda Maġistrat ma ħatar lil Gilbert Agius jew lil Stanley Gatt bħala esperti in materja. Għalhekk, skont id-difiża ma saritx il-prova li l-għasafar mejtin esibiti huma ciconia ciconia.

Skont l-artikolu 650 (1) tal-Kap 9:

'Fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja.'

Mela skont din id-dispożizzjoni l-ħatra ta' perit hija meħtieġa meta jkun hemm bżonn ta' **ħila** jew sengħa **speċjali**.

Bir-rispett kollu biex wieħed jagħraf ciconia ciconia ma trid ebda ħila jew sengħa speċjali. Ir-ritratti huma biżżejjed għax dan it-tip ta' tajr jagħrfu kulħadd bla diffikulta' ta' xejn. Daqskemm hemm bżonn li jitqabbad perit biex tkun konfermata li t-tali karozza li ntużat f'xi reat li ġarbet ħsara hija dik il-brand u mhux l-oħra sakemm il-karozza ma tkunx tfarrket jew inħarqet 'beyond recognition.' Iċ-ciconia ciconia mdorrijin biha sa meta nkun tfal jew fil-ktoba bl-istampi jew minn xi programm tat-televiżjoni. Mhix xi tajra li qatt ma tkun rajt bħalha. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-Qorti qed tqis li ma kienx hemm bżonn li jinħatar perit permezz ta' digriet mill-Maġistrat tal-għassa. Barra dan il-Prosekuzzjoni tellgħet xhud kompetentissimu biex jikkonferma bil-ġurament x'tip ta' tajr kien li l-appellant kien allegat li qabad jiġri bih.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju.

**It-Tielet Aggravju – Ir-Reċidiva.**

Id-difiża tissottometti li l-Prosekuzzjoni m'għandhiex tipprova r-reċidiva permezz tal-fedina penali tal-imputat. Hija ssottomettiet li l-Prosekuzzjoni kellha ttella' s-sentenza relativa jew is-sentenzi relativi u li kellha ssir l-identifikazzjoni tal-imputat.

Skont ġurisprudenza kostanti, il-prova tar-reċidiva – sakemm ma jkunx hemm ammissjoni – hija;

*'billi tiġi esibita kopja uffiċjali tas-sentenza relattiva u wara issir il-prova tal-identita'. L-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesibixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem minkejja l-eżenzjoni mogħtija mill-akkużat li tipproduċi prova tal-identita'. Jekk ma tiġix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja uffiċjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuża, allura wieħed ma jistax jgħid li saret l-aħjar prova dwar jekk verament preċedentement l-akkużat kienx ikkommetta xi reat ieħor li tiegħu ġie misjub ħati.*

*Għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti.'* [1]

Ma' din is-silta mis-sentenza li għaliha saret riferenza l-Qorti qed iżżid li l-prova tar-reċidiva, barra mill-ammissjoni tal-imputat innifus, tista' ssir ukoll billi tkun prodotta kopja tas-sentenza li jkun hemm indikat fiha n-numru tal-identita'. Dan in-numru jkun jista' jitqabbel ma' dak li jkollu l-imputat jew l-akkużat. Ma jistax ikun hawn żewġ persuni li jkollhom l-istess nurmu tal-identita'.

F'dan il-każ, il-Qorti ma sabitx kopji tas-sentenzi li ngħata l-appellant li jmorru lura sa ħames snin qabel it-18 ta' Mejju 2011 għalkemm mill-fedina penali jirriżulta li ngħata multa fis-17 t'Ottubru 2006, multa fit-3 ta' Ġunju 2009 u multa fis-17 ta' Marzu 2010. Kien hemm żewġ sentenzi oħra fejn ingħata l-artikolu 22 tal-Kap 446 iżda dawn ma jgħoddux għal dik li hija reċidiva.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti qed tilqa' t-tielet aggravju tad-Difiża minħabba li l-Prosekuzzjoni ma tellgħetx il-prova tar-reċidiva. Għalhekk qed tillibera lill-appellant mill-addebitu tar-reċidiva.

---

[1] Il-Pulizija versus Carmelo Fenech – Qorti tal-Appell Kriminali 8 ta' Frar 2005 Volum' LXXXIX Part IV paġina 287 et.

Ikkonsidrat

Dwar l-ewwel aggravju, il-Qorti tirreferi għal dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet hekk:

*‘L-imputat ukoll ipprova jaħrab, iżda żelaq u tfixkel, u l-pulizija laħquh. Huma sabulu l-arma kkargata biċ-ċomb oħxon u komplew l-investigazzjoni tagħhom………*

*Il-Prosekuzzjoni kellha x-xhieda ta’ PS 305, PC 1023 u PC 1231 li spjegaw lill-Qorti l-fatti hawn fuq inidkati u x-xhieda ta’ Gilbert Haber mill-MEPA. Ġew ippreżentati diversi dokumenti, fosthom il-liċenzja tal-kaċċa tal-imputat, il-fedina penali tiegħu, ritiratti u rapport dwar l-għasafar maqtula….. Il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ma ġewx kontradetti.*

*Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-imputazzjonijiet kollha ħlief għas-sitt, is-seba’ u d-disa’ jirriżultaw ippruvati, inkluż l-addebitu tar-reċidiva.. Il-provi prodotti jqegħdu lill-imputat fil-lok u l-ħin tad-delitt, jipparteċipa f’attivita’ ta’ kaċċa illegali….’*

Il-Qorti ma qegħda ssib xejn żbaljat f’dan l-apprezzament tal-fatti. Fil-kontro-eżamijiet u fit-trattazzjoni saret ħafna enfasi fuq jekk ix-xhieda kinux raw lill-appellant jispara u kienx qalilhom li ma kienx spara hu.

Iżda l-Liġi mkien ma tgħid li l-Prosekuzzjoni trid tipprova li xi ħadd spara. Il-Leġislatur juża kelma oħra ‘tikkaċċja’ liema kelma mhix limitata għall-isparar iżda tfisser ukoll li wieħed jiġri wara l-annimal li jrid jaqbad. Id-definizzjoni ta’ ‘kaċċa’ li tidher fl-Avviż Legali hija hekk:

"kaċċa" u "tikkaċċja" tfisser tikkaċċja jew tuża arma tan-nar jew arma oħra ta’ kull tip sabiex tikkaċċja,’

Il-konġunzjoni alternattiva ‘jew’ użata mil-Leġisltur turi li l-kelma ‘kaċċ’ mhux bilfors tfisser użu ta’ arma. Id-definizzjoni tagħti tifsira aktar wiesgħa tal-kalma ‘kaċċa’ u mhix limitata għal xi sparatura biss.

Li trid tagħmel il-Prosekuzzjoni huwa li tippreżenta provi diretti jew provi ċirkostanzjali univoċi – li għandhom jistgħu jkunu biżżejjed biex iwassluk għall-konklużjoni loġika u intelliġenti – li ma jħallu ebda dubju li persuna kienet qed tikkaċċja. Il-prosekuzzjoni rat lill-appellant jiġri ma'żewġ persuni persuni oħra fid-direzzjoni ta' fejn kienu waqgħu t-tajr u l-appellant saħansitra kien qabad wieħed minnhom. Huwa sinifikanti wkoll li ż-żewġ persuni l-oħra ħarbu. Dawn ħarbu għax kienu jafu li wettqu illegalita' u l-mod kif l-appellant ġera flimkien magħhom ma jħalli ebda dubju li kien jaf x'ġara u kien qed jieħu parti attiva f'dak li ġara. Kieku għalfejn mar jiġr maħghom? Għalfejn qabad it-tajra protetta? U għalfejn telaqha ħlief għax induna li l-pulizija kienu warajh? X'kien qed jagħmel f'dak il-ħin hemm tard bl-arma f'idejh? Bħall-Ewwel Onorabbli Qorti, din il-Qorti m'għandha ebda dubju li dak li kien qed jagħmel l-appellant.

Mix-xhieda jirriżulta ampjament li l-appellant kien fil-kumpanija ta' żewġ persuni oħra li ġrew kollha f'daqqa fejn waqa' t-tajr. Dan huwa dak li jagħmel il-kaċċatur – li jiġri wara l-priża. L-appellant inqabad u l-oħrajn ħarbu iżda l-fatt li l-oħrajn ħarbu ma jfissirx li l-appellant ma kienx qed jikkaċċja iżda li qed jikkaċċja ma' min irnexxielu jiżgiċċa. Barra minn dan l-appellant instab bl-arma bl-iskrataċ f'idejh tant li din itteħditlu u ingħata riċevuta tagħha mill-Pulizija. M'hemmx bżonn ikollok ċintorin imdawwar ma' qaddek biex ikollok il-prova li persuna qed tikkaċċja. Kieku kien hekk kieku kulħadd jieħu l-prekawzjoni li ma jilbisx iċ-ċintorin. Fil-fehma tal-Qorti mill-kumula ta' provi hija tasal għall-konklużjoni li l-imputat kien għal kaċċa.Id-diversi ċirkostanzi li joħorġu mid-diversi xhieda jippuntaw lejn konklużjoni waħda u li ma tistax tkun ikkonfutata – li l-appellant kien qed jikkaċċja jew kif qalet tajjeb l-ewwel qorti kien 'qed jipparteċipa f'attivita' ta' kaċċa illegali' (fol 27).

Mill-bqija, għall-imputazzjonijiet l-oħra li tagħhom l-appellant instab ħati, il-Prosekuzzjoni riedet tipprova li l-appellant ħa jew ipprova jieħu xi għasfur protett jew li ġarr munizzjon barra l-għata, li ġarr xi skratac b'xi ċomb ta'

daqs aktar minn 3.3 mm f'dijametru jew li kellu arma tannar li kellha kompartiment li jista' jżomm aktar minn żewġt iskratać. Għal dak li għandu x'jaqsam mar-reat numru 10 – il-Prosekuzzjoni kellha tipprova li l-appellant naqas li jimxi mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-liċenzja. Il-liċenzja żgur ma tippermettix li wieħed jikkaċċja għasfur protett. Dawn l-imputazzjonijiet kollha kienu ippruvati ampjament mill-Prosekuzzjoni.

Ir-raba' aggravju – il-piena.

Id-difiża tissottometti li l-piena hija waħda ħarxa żżejjed u qabblet il-pinea mogħtija ma' oħrajn li ngħataw f'dati qrib ta' meta ngħatat din is-sentenza.

Il-Qorti l-ewwel li ser tqis huwa l-fatt li r-reċidiva ma kenitx ippruvata għax dan l-element ser jagħmel differenza kbira.

Fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti kienet qalet hekk:

'Dan jirriżulta ċar mill-fedina penali tiegħu. Għalhekk il-Qorti qed tħossha marbuta li ma tapplikax peina ta' multa biss iżda tagħti wkoll il-piena ta' priġunerija, li minħabba l-fatt l-imputat huwa reċidiv, ma tistax tkun sospiża. Il-piena li hija prefissa f'dawn ir-reati hija dik kontemplata fir-Regpolament 27(2)(b) tal-Avviż Legali 504.71.'

Hawn għandu jingħad li l-appellant instab ħati taħt ir-regolamenti **4(1)(a), 5(3)(a), 12(1), 16(a), 18(1)(a), 17, 22, 18(2)(b) taħt l-Avviż Legali 79 tas-sena 2006 kif emendat;**

l-artikolu 27(1) tal-Kap 480;

u l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.

Minħabba li r-reċidiva ma ġietx ippruvata, allura l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 m'għandhomx x'jaqsmu.

L-artikolu 27(1) tal-Kap 480 huwa dwar x'kundizzjonijiet għandu jkun hemm fil-liċenzja.

Imbagħad huwa l-Avviż Legali 79 tal-2006 li jirregola l-piena għall-ksur tar-regolamenti msemmija u sottolineati aktar 'il fuq.

Ir-regolament 27 tal-Avviż Legali jgħid hekk:

(2) Kull persuna li twettaq reat kontra r-regolamenti 4(b), 15, 18(1)(f)(ii)(aa), u 24 tista' teħel:
(a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) u l-konfiska tal-corpus delicti.

Il-Qorti għandha wkoll tordna s-sospensjoni ta' kull liċenza jew permess maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perjodu ta' mhux anqas minn sena iżda mhux aktar minn tliet snin;

(b) meta tinstab ħatja għat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn disat elef u tliet mija u sbatax-il euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€9,317.49), jew priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn xahrejn iżda mhux iktar minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien kif ukoll il-konfiska tal-corpus delicti.

Il-Qorti għandha wkoll tordna r-revoka permanenti ta' kull liċenza jew permess, maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija:

**Iżda kull persuna li twettaq reat kontra xi regolament mhux imsemmi f 'dan is-subregolament, liema reat jinvolvi xi għasfur inkluż fl-Iskeda I, jew tikkaċċja jew tittanta tikkaċċja, tieħu jew tittanta tieħu għasafar mill-ixtajtiet elenkati fl-Iskeda VII teħel, meta tinsab ħatja, il-piena skond id-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament.**

(3) Kull persuna li twettaq reat kontra xi regolament ieħor mhux imsemmi fis-subregolament (2) u l-proviso tiegħu rispettivament teħel meta tinsab ħatja:

(a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta’ mhux anqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

(b) meta tinstab ħatja għat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta’ mhux inqas minn erba’ mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75), jew priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien kif ukoll
il-konfiska tal-corpus delicti:

Iżda l-Qorti tista’ wkoll tordna s-sospensjoni tal-liċenza jew tal-permess maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perjodu ta' mhux anqas minn sena iżda mhux aktar minn tliet snin:

Iżda wkoll kull persuna li tikkaċċja jew tittanta li tikkaċċja jew tieħu jew tittanta li tieħu għasafar mingħajr liċenza valida tista’ teħel il-pieni imniżżlin fis-subregolament (2)(b) u meta dik il-liċenzja tkun ġiet revokata b’mod permanenti skond is -subregolament (2)(b), meta tinsab ħatja, tista’ teħel multa ta’ mhux anqas minn sitt elef u disa’ mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) iżda mhux iżjed minn tlettax-il elf u disa’ mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) u priġunerija għal żmien ta’ mhux anqas minn sena iżda mhux iżjed minn sentejn.’

Issa ċ-ciconia ciconia tinsab mal-għasafar li jaqgħu taħt l-Ewwel Skeda u għalhekk taqa’ taħt il-proviso ġenerali li huwa mitbugħ b’ittri grassi aktar ‘il fuq.

Peress illi r-reċidiva ma ġietx ippruvata minħabba li l-Qorti ma tistax toqgħod fuq il-fedina penali biss biex tkun

soddisfatta li persuna hija reċidiva, japplika l-ewwel sub-paragrafu – jiġifieri (a). Għalhekk il-massimu tal-piena huwa €4658.75, il-konfiska tal-corpus delicti, kif ukoll sospensjoni tal-liċenzja sa tliet snin.

Bħall-Ewwel Qorti din il-Qorti qed tapplika l-artikolu 17(h) tal-Kap 9. Skont l-ewwel parti tan-Noti tal-Professur Mamo:

*'In order that the violations of the several provisions of the law may constitute and be dealt with as one single offence, it is essential that they be the result of one single action on the part of the offender and of one and the same criminal determination.*

*Omissis*

*Our law makes no explicit mention of this form of ideal concursus: but our Courts have constantly accepted and applied the doctrine. In re 'Camilleri v Cilia et (2.XII. 1839) the Criminal Court of Appeal said:*

*'It is a well established principle of our jurisprudence that where the same fact, resulting form one and the same criminal determination, occasions several violations of law, there are not several distinct offences, but there is only one offence, the smaller violations being merged into the graver violation.' (See also 'The Police versus Cefai' (10.XII.1938; 'The Police v Pace' (28th January 1939')*[2]

Bħala piena l-Qorti sejra tagħti l-massimu permess bil-liġi.

**Konklużjoni**

**Minħabba li ma saritx il-prova tar-reċidiva, il-Qorti sejra tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi fis-6 ta' Lulju 2011 kif ġej:**

---

[2] Professor Anthony Mamo – Notes on Cruiminal Law Part I page 152.

**(a) Billi tikkonfermha fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabitu ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, it-tmienja, il-għaxra, il-ħdax u t-tnax-il imputazzjoni u fejn illiberatu mis-sitt, mis-seba' u mid-disa' imputazzjoni u fejn ordnat il-konfiska tal-oġġetti esebiti u cioe' l-arma tan-nar tal-għamla Benelli numru U084077 u t-tlitt iskrataċ u**

**(b) qed tħassar u tirrevoka dik il-parti tal-imsemmija sentenza fejn sabitu ħati tar-reċidiva (imputazzjoni numru 13) u fejn ikkundannatu għal sentejn priġunerija u biex iħallas disat elef Ewro €9,000 kif ukoll fejn ordnat r-revoka permanenti ta' kull liċenzja jew permess tal-kaċċa u tal-ġarr u ż-żamm ta' armi f'isem l-imputat (appellant) u minflok qed tilliberah mill-addebitu tar-reċidiva u qed tikkundannah iħallas il-massimu possibbli tal-multa li jammonta għal €4658.75 fi żmien xahar mil-lum u tirrevoka kull liċenzja jew permess tal-kaċċa u tal-ġarr u taż-żamma ta' armi f'isem l-imputat (appellant) għal żmien tliet snin li jibdew jgħaddu min-nofs il-lejl ta' llum. Il-konfiska tal-arma diġa' kienet ikkonfermata taħt il-parti (a) ta' dan il-paragrafu.**

**Il-qtil ta' cicogna cicogna għandu jnissel sens ta' ħtija akbar minn dak li ħass il-baħħar xwejjaħ ta' Samuel Taylor Coleridge li qatel l-albatross. Dan għandu jgħodd ukoll kieku din it-tajra ħelwa u li tiġbed tant simpattija ma kinitx protetta aħseb u ara li l-Liġi tipproteġiha bis-sħiħ.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------